# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**(Sede Kostituzzjonali)**

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM, il-Ħamis, 22 ta' Marzu, 2018**

**Kawża Numru 13 (Kost.)**

**Rik. Nru. 12/17JRM**

L-Avukat Dottor Anthony P. **FARRUĠIA**

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI**; l-Avukat Deborah Farruġia fil-kapaċita` tagħha ta' Segretarju tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u tal-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali u in rappreżentanza tal-istess; u Mandy Azzopardi u George Galea, għal kull interess li jista' jkollhom

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-13 ta' Marzu, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent talab li l-Qorti (a) ssib li huwa ġarrab u qiegħed iġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif imħares fl-

artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"); (b) tordna li jitwaqqfu minnufih il-proċeduri mnedija kontrih quddiem il-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali mwaqqaf skond l-artikolu 3 tal-Att dwar il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja (Kap 369) wara lmenti li saru kontrih mill-intimati Mandy Azzopardi u George Galea, u tagħti dawk id-direttivi li jidhrilha meħtieġa biex jitwaqqaf il-ksur tal-jedd tiegħu kif fuq imsemmi; (ċ) issib li, minħabba l-ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kif imħares taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni huwa ġarrab danni materjali u morali; u (d) tikkundanna lill-intimati, jew lil min minnhom, biex iħallsuh id-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Marzu, 2017, li bih qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tas-16 ta' Marzu, 2017, u ordnat in-notifika lill-intimati;

Rat ir-Rikors imressaq mir-rikorrent dakinhar li fetaħ din il-kawża u li bih talab li l-Qorti tqisu b'urġenza u tagħti provvediment provviżorju billi tordna li jitwaqqaf is-smigħ tal-każ tiegħu quddiem il-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Kumitat") sa mis-seduta li kellha tissejjaħ dakinhar fis-sagħtejn (14.00) ta' wara nofsinhar u sakemm iddum tinstema' din il-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Marzu, 2017[1], li bih ċaħdet it-talba għall-għoti ta' rimedju provviżorju;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Avukat Ġenerali fil-15 ta' Marzu, 2017, li biha laqa' għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, qal li hu ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-istess azzjoni attriċi billi l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja (minn issa 'l hemm imsejħa "il-Kummissjoni") u s-sotto-kumitati tagħha huma organi kostituzzjonali maqtugħa u indipendenti mill-Gvern. Fil-mertu, laqa' billi qal li t-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex id-deċiżjonijiet tal-Kumitat mhumiex deċiżjonijiet finali billi minnhom jista' jitressaq appell lill-Kummissjoni u għalhekk il-Kumitat ma jistax jingħad li jiddetermina akkużi jew drittijiet jew obbligi ċivili. Żied jgħid li l-proċedimenti li minnhom jilmenta r-rikorrent jagħtu smigħ xieraq u li ma huwa dovut lir-rikorrent l-ebda kumpens għad-danni;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata Mandy Azzopardi fl-24 ta' Marzu, 2017, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li ma kinitx il-

[1] Paġ. 8 tal-proċess

kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi billi hija la hija aġent tal-Istat u lanqas ma hija awtorita` pubblika u la tista' twettaq ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-oħrajn u lanqas tagħti rimedji għalihom; li hija ma tweġibx għall-azzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Kumitat u għalhekk ukoll imissha tinħeles milli tibqa' aktar fil-kawża; li l-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' din il-kawża ladarba mid-deċiżjonijiet li jista' jieħu l-Kumitat jingħata d-dritt ta' appell quddiem il-Kummissjoni u r-rikorrent imissu jinqeda b'dak ir-rimedju 'ordinarju' u mhux bi proċedura bħal din tallum. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li dak li jippreskrivi l-artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni huwa biss indikattiv u jagħti lill-Kummissjoni l-jedd li ttawwal iż-żmien biex il-Kumitat iqis ilment li jkun tressaq quddiemu kontra xi avukat jew prokuratur legali. Iżżid tgħid li biċċa sewwa mill-ħtija għad-dewmien tas-smigħ tal-każ tiegħu quddiem il-Kumitat ġejja mir-rikorrent innifsu għaliex baqa' ma qagħadx għall-ordni mogħti lilu mill-istess Kumitat biex iressaq dokumenti li ntalab iressaq u billi kien naqas għadd ta' drabi milli jidher għas-seduti fissati. Tgħid li kellha tressaq l-ilment quddiem il-Kummissjoni minħabba li r-rikorrent kien injora l-kundanna għall-ħlas ordnata b'sentenza mogħtija fit-23 ta' Settembru, 2009 mill-Qorti tal-Appell u kien ħallas biss wara żmien u meta l-Pulizija kienu bagħtu għalih. Qalet li la l-Kostituzzjoni u lanqas il-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta ma jsemmu l-ħlas tad-danni fil-każ ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali u għalhekk it-talbiet tar-rikorrent f'dan ir-rigward ma humiex tajbin;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Kummissjoni fit-2 ta' Mejju, 2017, li biha laqgħet għall-azzjoni tar-rikorrent billi qalet li kemm hija u kemm il-Kumitat twaqqfu taħt il-Kostituzzjoni u skond il-Kapitolu 369 tal-Liġijiet ta' Malta u huma organi maqtugħa minn xulxin u jimxu għal rashom u għalhekk ma tistax twieġeb għall-għemil tal-Kumitat. Qalet ukoll li d-deċiżjonijiet tal-Kumitat ma humiex deċiżjonijiet finali billi minnhom hemm dritt ta' appell quddiemha u għalhekk ir-rikorrent għandu rimedju 'ordinarju' li jista' jinqeda bih. Żiedet tgħid li l-proċedimenti li minnhom jilmenta r-rikorrent jagħtuh smigħ xieraq u kull direttiva mogħtija minnha saret b'ħarsien ts-setgħat mogħtijin lilha mil-liġi li taħtha twaqqfet. Temmet tgħid li ma huwa dovut lir-rikorrent l-ebda kumpens għad-danni;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Kumitat fit-2 ta' Mejju, 2017, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li t-talbiet attriċi mhumiex mistħoqqa għaliex id-deċiżjonijiet tiegħu mhumiex deċiżjonijiet finali ladarba hemm dritt ta' appell lill-Kummissjoni minn dawk id-deċiżjonijiet, u għalhekk ir-rikorrent għandu rimedji 'ordinarji' li għadu jista' jinqeda bihom. Żied jgħid li huwa r-rikorrent innifsu li jaħti għaż-żmien li għadda għas-smigħ tal-każ tiegħu u li l-proċeduri li minnhom jilmenta r-rikorrent jagħtu smigħ xieraq;

Rat illi l-intimat Galea ma ressaq l-ebda Tweġiba, minkejja li laqa' n-notifika tal-atti tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Mejju, 2017[2], li bih ordnt li ssir it-trattazzjoni tal-eċċezzjonijiet preliminari li jridu li din il-Qorti tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża, ladarba r-rikorrent għandu rimedji oħrajn taħt il-liġi dwar l-ilment imressaq minnu f'din il-kawża;

Rat id-degriet mogħti minnha waqt is-smigħ tal-4 ta' Lulju, 2017[3], li bih ordnt li jinġab quddiemha l-inkartament tal-każ tar-rikorrent quddiem il-Kumitat sabiex il-Qorti tkun tista' tieħu konjizzjoni tiegħu hi u tisma' t-trattazzjoni tal-eċċezzjoni preliminari;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Ottubru, 2017, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar jekk il-Qorti għandhiex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża minħabba li r-rikorrent għadu jista' jinqeda minn rimedji 'ordinarji';

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali. Ir-rikorrent jgħid li l-proċeduri mnedija kontrih fl-2011 quddiem il-Kumitat qegħdin jiksru l-jedd tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli bi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Huwa jgħid li fl-istħarriġ tal-każ tiegħu, il-Kumitat "qed joħroġ 'il barra mill-parametri kostituzzjonali u legali tiegħu". Minbarra dan, is-smigħ tal-każ tiegħu quddiem il-Kumitat għadu jkarkar bi ksur ta' dak li jipprovdi l-artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni dwar kemm għandu jinqata' każ imressaq quddiem l-istess Kumitat. Jilminta li d-direttiva mogħtija mill-Kummissjoni lill-Kumitat biex ikompli jisma' l-każ tiegħu tikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni. Huwa jgħid li d-dewmien fis-smigħ tal-każ qiegħed iġiblu ħsara w ikkawżalu danni kemm materjali u kif ukoll morali. Qiegħed jitlob li l-Qorti twaqqaf minnufih is-smigħ tal-każ u tagħtih id-danni li jgħid li ġarrab minħabba l-ksur tal-jedd tiegħu;

[2] Paġ. 31 tal-proċess
[3] Paġġ. 33 – 4 tal-proċess

Illi għal din l-azzjoni, l-intimati laqgħu b'eċċezzjonijiet preliminari u wkoll eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi fost l-eċċezzjonijiet preliminari hemm dik li tgħid li l-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat 'kostituzzjonali' tagħha billi r-rikorrent għandu rimedji oħrajn 'ordinarji' bil-liġi li jista' u jmissu jinqeda bihom minflok iressaq din il-proċedura tal-ilment tal-ksur tal-jeddijiet fundamentali;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar din l-eċċezzjoni preliminari;

Illi minn dak li ħareġ mill-atti tal-kawża sa issa, bħala fatti rilevanti li jirrigwardaw il-każ jirriżulta li r-rikorrent huwa avukat. F'Ġunju tal-2011, l-intimata Azzopardi kienet ressqet ilment kontra r-rikorrent quddiem il-Kummissjoni minħabba ż-żamma min-naħa tiegħu ta' flus b'rabta ma' kuntratt ta' xiri-u-bejgħ. B'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Settembru, 2009[4], ir-rikorrent kien ordnat li jħallas lill-attur (f'dik il-kawża) somma rappreżentanti sehmu mill-prezz tal-istess bejgħ u l-imgħaxijiet;

Illi l-ilment tal-imħarrka Azzopardi (u lment ieħor mill-intimat George Galea) ntbagħtu lill-Kumitat biex jisma' l-każ. Il-proċeduri bdew fl-2011;

Illi waqt seduta miżmuma mill-Kumitat fl-20 ta' Jannar, 2014, ir-rikorrent ġibed l-attenzjoni tal-istess Kumitat għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni u talab li kull smigħ u l-atti kollha li saru quddiem il-Kumitat fil-każ tiegħu wara li kien għadda ż-żmien massimu ta' erba' (4) xhur imsemmi f'dak l-artikolu jitneħħew mill-atti u jitqiesu li ma jiswewx;

Illi b'deċiżjoni mogħtija waqt is-smigħ tal-14 ta' Marzu, 2014, il-Kumitat qatagħha li jiċħad it-talba tar-rikorrent kif verbalizzata waqt is-smigħ tal-20 ta' Jannar, 2014, fid-dawl tal-fatt li, b'deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni f'laqgħa tagħha tal-20 ta' Frar, 2014, kienet tawlet iż-żmien li fih il-Kumitat kellu jissokta jisma' l-każ tar-rikorrent;

Illi r-rikorrent fetaħ din il-kawża fit-13 ta' Marzu, 2017;

Illi l-kunsiderazzjonijiet legali marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami jduru mal-kwestjoni jekk kemm-il darba hemmx tabilħaqq raġuni jew raġunijiet tajba biex iwasslu lil din il-Qorti tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tisma' l-kawża. Ir-raġuni li jsemmu dawk mill-intimati li qajmu din l-eċċezzjoni preliminari hi li r-rikorrent kellu u għad għandu rimedju mogħti lilu mil-liġi li

[4] Ċitazz. Nru. 1384/01AL fl-ismijiet ***Alfred P Fenech noe vs John sive Ivan Azzopardi noe et***

bih jista' jindirizza l-ilment li huwa jgħid li ġablu ksur tal-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq fil-proċeduri mmexxijin kontrih quddiem il-Kumitat;

Illi filwaqt li l-każ tar-rikorrent jinbena fuq ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 101A(6)(d) tal-Kostituzzjoni u tas-setgħat tal-Kumitat skond il-liġi, l-eċċezzjoni mqajma tirrigwarda kemm il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u kif ukoll dik tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-intimati jisħqu li għall-ilment imressaq minnu f'din il-kawża, il-liġi tagħti lir-rikorrent rimedju 'ordinarju' li jagħtih l-istess ħarsien li jitlob li jingħata f'din il-kawża. B'mod partikolari, huma jsemmu d-dritt tiegħu li jappella minn deċiżjoni tal-Kumitat quddiem il-Kummissjoni[5];

Illi, min-naħa tiegħu, ir-rikorrent iwarrab dan l-argument tal-intimati u jisħaq li huwa kellu jiftaħ din il-kawża u jitlob dikjarazzjoni tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq sewwasew minħabba li huwa nqeda bir-rimedji li tagħtih il-liġi imma dawn ma indirizzawx il-ksur li kien qiegħed iġarrab;

Illi meta titqajjem eċċezzjoni li tistieden lill-Qorti tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tisma' kawża ta' lment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li dak li jkun qiegħed jintalab ikun jolqot waħda mis-setgħat ewlenin u bażiċi li l-liġi tagħni bihom lil din il-Qorti. Għalhekk, hija eċċezzjoni li tolqot il-ġurisdizzjoni partikolari li l-liġi tagħti lil din il-Qorti. Hija eċċezzjoni li tinbena fuq il-ħsieb li, qabel ma persuna tersaq quddiem din il-Qorti biex tingħata rimedju għal ksur ta' jedd fundamentali tagħha, tkun inqdiet bir-rimedji l-oħrajn li l-liġi tagħti lil dik il-persuna f'dik il-qagħda;

Illi kif ingħad għadd ta' drabi, l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta' fatt attwali u oġġettiv**, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta' fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[6]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti xorta waħda jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

[5] A.L. 32 tal-1997 (L.S. 369.02)
[6] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)

Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad b'għaqal f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfittxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[7] lil min ġenwinament ifittex rimedju kostituzzjonali[8];

Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[9]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, għaliex ikun biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[10]. Fuq kollox, ir-rimedju "ordinarju" mogħti jgħodd ukoll fejn dan jingħata bis-saħħa ta' liġi, imqar jekk biex jindirizza ksur ta' jedd fundamentali li diġa` seħħ jew li x'aktarx iseħħ[11];

Illi joħroġ ukoll li l-eżistenza ta' rimedju "ordinarju" trid tkun murija kif imiss minn min iqanqal l-eċċezzjoni. F'dan il-każ, kienu l-intimati li qajmu l-eċċezzjoni li r-rikorrent naqas li jinqeda b'rimedji oħra li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, u huwa għalhekk dmir tagħhom li juru li r-rikorrent tassew kellu dak ir-rimedju u li naqas li jinqeda bih;

Illi f'dan ir-rigward ingħad li "*Remedies must be real and practical and not theoretical or illusory, e.g. genuine fear of reprisals, intimidation. Account will be taken not only of the personal circumstances of the applicant, but the general legal and political context in which the alleged remedies operate. An unduly formalistic approach is not to be taken by the Convention organs which will apply a certain degree of flexibility. Remedies must be effective, i.e. capable of*

[7] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et***
[8] Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et***
[9] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
[10] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[11] Kost. **11.4.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Brincat et vs Policy Manager ta' Malta Shipyards et***

*providing redress for the complaint...; the speed of the procedure may also be relevant to its effectiveness; the remedy must be capable of remedying directly the state of affairs; form part of the normal process of redress and involving normal use of the remedy...; be accessible...; offer reasonable prospects of success; a mere doubt as to the prospect of success in going to court does not exempt from exhaustion. Where case-law is unclear, contradictory or in the process of ongoing interpretation, an applicant may be expected to pursue an action or appeal which allows the courts to rule on the issues. ... Also, if there is more than one remedy available, an individual is not required to try more than one; an applicant is generally not required to try the same body again by way of a repeated request or application*"[12]. Fil-fehma tal-Qorti, dawn ir-regoli għaqlin joqogħdu sewwa għall-każ tal-lum u b'żieda ma' dak li ngħad aktar qabel;

Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[13]. Mhuwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[14];

Illi huwa mgħallem ukoll li "*it is not only judicial remedies which must be sought, but every remedy under national law which may lead to a decision that is binding on the authorities, including the possibility of appeal to administrative bodies, provided that the remedy concerned is adequate and effective*"[15];

Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternattiv effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta'

---

[12] K Reid <u>*A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights*</u> (3rd. Edit, 2007) §I-040, pġ. 31 – 2
[13] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[14] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)
[15] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak <u>*Theory & Practice of the European Convention on Human Rights*</u> (4th. Edit, 2006), pġ. 133

illegalita`, inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[16]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[17]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[18];

Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, il-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat[19];

Illi fil-qasam tal-istħarriġ tal-eżistenza ta' rimedji oħrajn xierqa, jinsab stabilit li "*With respect to the way in which and the time-limits within which proceedings must be instituted, national law is decisive. If in his appeal to a national court an applicant has failed to observe the procedural requirements or the time-limits, and his case has accordingly been rejected, the local remedies rule has not been complied with. ... The interpretation and application of the relevant provisions of national law in principle belong to the competence of the national authorities concerned*"[20]. Dak li jingħad dwar it-teħid tar-rimedji quddiem l-awtoritajiet nazzjonali qabel ma wieħed jista' jmexxi każ quddiem il-Qorti ta' Strasbourg[21] jidher li jista', fil-qafas ġenerali, jgħodd ukoll għall-kwestjoni tat-teħid tar-rimedji "ordinarji" qabel ma wieħed imexxi 'l quddiem bil-proċedura speċjali tal-ilment dwar ksur ta' jedd fondamentali quddiem il-Qrati nazzjonali;

---

16 P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***

17 Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***

18 P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

19 Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku***

20 Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op cit*, pġ. 134

21 Ara art. 35(1) tal-Konvenzjoni

Illi l-kejl determinanti dwar l-aċċettabilita` ta' rimedju bħal dak jibqa' dejjem dak ta' kemm huwa effettiv ir-rimedju li jista' jingħata. Għalhekk, kien hemm każijiet fejn ir-rimedju amministrattiv tqies bħala wieħed li jindirizza sewwa l-ilment imressaq mir-rikorrent (ukoll fejn l-allegazzjoni kienet ta' ksur ta' jedd "konvenzjonali")[22] (u għalhekk jiġġustifika li l-Qorti "kostituzzjonali" tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha straordinarji), imma kien hemm każijiet oħrajn ukoll fejn tali rimedju ma tqiesx bħala wieħed effettiv[23];

Illi, minbarra dan, jidher li l-kwestjoni marbuta mal-eżawriment tal-proċeduri 'ordinarji' qabel ma wieħed jersaq għar-rimedju 'kostituzzjonali' jew 'konvenzjonali' jridu jitqiesu wkoll minn jekk ir-rimedji eżistenti jitqisux fihom infushom tajbin biżżejjed biex ma joħolqux ilmenti ġodda ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali meta wieħed iqis jekk għandux jirrikorri għalihom. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li ma tistax tinjora l-kejl suġġerit mill-Qorti ta' Strasbourg fejn jidħol dan l-element ta' eżawriment ta' rimedji domestiċi ordinarji, kif stabilit f'kawżi li jolqtu lil Malta[24];

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li l-Qorti għadha kemm għamlet, jidher li l-eċċezzjoni mqajma mill-intimati hija tajba fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Meta wieħed jara r-regolamenti li jagħtu l-jedd ta' appell minn deċiżjonijiet tal-Kumitat, wieħed isib li dawn jagħtu garanziji ta' smigħ xieraq u jindirizzaw effettivament aspetti wiesgħa tal-każ. L-istess regolamenti mhumiex marbuta ma' appelli biss fuq punti ta' liġi, imma jiġbru fihom jedd ta' appell mid-deċiżjonijiet kollha li jagħti l-Kumitat;

Illi, wara li l-Qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, hija tasal għall-fehma li l-intimati tawha raġunijiet tajba biżżejjed biex tilqa' l-istedina tagħhom li tagħżel li ma twettaqx is-setgħat kostituzzjonali tagħha biex tisma' l-każ imressaq quddiemha mir-rikorrent, u dan għar-raġuni li r-rikorrent kellu u għad għandu rimedju ieħor tajjeb dwar l-ilment tiegħu. Għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' din l-eċċezzjoni preliminari tagħhom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħed taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimat** Avukat Ġenerali, it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-intimata Mandy Azzopardi, it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimata Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali u għalhekk tilqa' l-istedina tagħhom li l-Qorti tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża skond il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-

[22] Ara, per eżempju, Kost. **2.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs Kummissarju tal-Pulizija***
[23] Ara, per eżempju, Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' tat-Trasport Pubbliku***
[24] Ara Q.E.D.B. **24.10.2014** fil-kawżi fl-ismijiet ***Brincat et vs Malta*** (Applik. Nri. 60908/11 u 62110/11 et) §§ 64, 68 u 72

Kostituzzjoni u l-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għar-raġuni li r-rikorrent għandu rimedju "ordinarju" mogħti lilu mil-liġi li jista' jinqeda bih qabel ma jdur għall-proċedura bħal fil-kawża tallum; u

**Teħles lill-intimati** milli jibqgħu aktar fil-kawża, **bl-ispejjeż** għar-rikorrent.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**22 ta' Marzu, 2018**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**22 ta' Marzu, 2018**